**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Mary Ann Bonnett Sladden

vs

Joseph Gingell Littlejohn et noe

CCT 128/18/MS

24 ta' Lulju 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-6 ta' Awwissu 2018, fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsuha s-somma ta' disa mitt Euro wara li kkonsenjat oggetti lill-entita intimata sabiex jinbieghu bl-irkant, liema bejgh kien sottovalutat sforz in-nuqqas ta' hila fl-arti u/ jew il-professjoni tal-entitata intimata li ghamlet zball ukoll fid-deskrizzjoni tal-affarijiet tal-bejgh.

Ra r-risposta tal-intimati fejn eccippew preliminarjament :

illi l-intimati Joseph Gingell Littlejohn u Raymond Gingell Littlejohn mhumiex il-legittimi kontradittturi stante li huma qatt ma gew konsenjati l-oggetti personali imsemmija fir-rikors fi kwalita' taghhom personali;
Illi l-proceduri huma monki u nulli stante illi r-rikorrenti ma delinjatx ezattament x'inhuma t-talbiet taghha fir-rikors promotur;
Illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt il-ghaliex ir-rikorrenti ma talbitx *reserve price* fuq l-oggetti mertu tal-kawza; ma gibditx l-attenzjoni tar-rapprezentanti tal-entita intimata meta rat li l-oggetti mertu tal-kawza kienu mnizzlin bhala "*Mason bowl with lid and matching tray*" u li kienu gew stmati bhala €8 - €10; ma gabet l-ebda prova li fil-fatt l-entita' intimata ghamlet sottovalutazzjoni ingustifikabbli tal-oggetti in kwistjoni;
Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost,ghalkemm ir-rikorrenti hallset madwar GBP550 ghall-oggetti mertu tal-kawza, hija qieghda titlob l-ammont ta' €900.00 minghajr ma taghti spjegazzjoni kif wasslet ghal tali kwantifikazzjoni.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni illi l-intimati mhumiex il-legittimi kontraditturi, it-Tribunal jinnota illi l-intimati Joseph Gingell Littlejohn u Raymond Gingell Littlejohn huma irkantaturi u joperaw taht l-isem R & J Gingell Littlejohn. Huwa propju dan l-ahhar illi l-intimati jirreklamaw fuq il-fatturi taghhom u li jipprezentaw ghall-pubbliku bhala l-azjenda taghhom. Di piu', fuq l-istess fattura wara isimhom personlament igibu ukoll in-numru tal-VAT li jindika li dawn iz-zewg persuni qeghdin fin-negozju personalment u huma jridu jirrispondu ghal dak illi huwa id-dritt tal-erarju. Dan jinduci lit-Tribunal li jaqbel mal-procedura uzata mir-rikorrenti illi tharrek Raymond u Joseph Gingell Littlejohn personalment kif ukoll l-azjenda R & J Gingell Littlejohn. Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni, huwa minnu illi r-rikorrenti ma specifikatx it-talba x'kellha tkun u t-Tribunal kellu jifhem dan minn ezami akkurat tal-korp tar-rikors u skond it-talba fuq il-formola. Dan it-Tribunal mhuwiex marbut b'dettami stretti ta' procedura bhalma hi per ezempju l-Qorti superjuri u certa nuqqasijiet jistghu jigu sanati basta dawna ma jaffetwax negattivament xi drittijiet ta' parti jew l-ohra. F'dan il-kaz, minkejja dan in-nuqqas, l-intimati fehmu sew x'kienet il-kwistjoni u pprezentaw eccezzjonijiet dwar il-mertu li dan it-Tribunal jista' jikkunsidra fl-ambitu tat-talba tar-rikorrenti. Ghalhekk din l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu,

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi u mhux kontestat illi fis-sena 2013, ir-rikorrenti kienet xtrat Meissen *tureen and cover* minn Wooley and Wallis Salisbury Salerooms, fl-Ingliterra ghall-prezz ta' GBP550. F'Dicembru 2017 ir-rikorrenti marret ghand l-entitata' intimata fejn kkonsenjat numru ta' oggetti personali taghha, inkluz l-oggett mertu ta' din il-kawza, u cjoe' il-Meissen *tureen and cover*. Ghalkemm ir-rikorrenti kienet avzat lill-intimat illi l-oggett in kwistjoni kien Meissen, m'ghamlitx rizerva fuq il-prezz u lanqas ma qaltlu kemm kien il-valur tieghu jew wrietu l-katalogu originali li gie prezentat f'dawn l-atti. F'dokument esebit mill-intimat stess, u li fiha l-firma tar-rikorrenti u tar-rapprezentant tal-entitita' intimata, l-oggett huwa indikat bhala 'Tureen w/lid' u ma hemm l-ebda valutazzjoni jew *'reserve price'*. Ir-rikorrenti tghid illi qaghdet fuq il-gudizzju tieghu ghaliex kienet gieli uzat is-servizzi tieghu qabel u kien dejjem ighidilha li huwa jipprova jgib l-ahjar prezz.

Gara illi l-oggett gie deskritt mill-intimati fil-katalogu taghhom erronjament bhala '*Mason bowl with lid and matching tray'* meta fil-fatt kellha tkun *Meissen tureen and cover* u gie stmat ukoll erronjament ghal prezz ta' bejn €8 - €10. Eventwalment inbiegh ghal €45.00.

Ikkunsidra

Illi min-naha taghha, ir-rikorrenti tghid illi hija kienet rat il-katalogu ghaliex kien disponibbli *online* pero' meta ma ratx l-oggett taghha, hasbet illi l-izball kienet taghha u li *'she had missed it'*. Tikkoncedi illi ma kenitx tat *reserve price* u lanqas ma infurmathom kemm kienet originarjament xtrat dan l-oggett, pero' tghid illi li kieku kienet taf illi l-oggett ser jinbiegh ghal €45.00 ma kenitx tikkonsenjah.

Illi min-naha tieghu, l-intimat jikkoncedi illi ghamel zball meta indika l-oggett bhala Mason minflok Meissen, pero' ighid ukoll illi r-rikorrenti qatt ma gibditlu l-attenzjoni ta' kemm kienet xtratu u ta' kemm riedet tieghu. Di piu', ir-rikorrenti ma gibditx l-attenzjoni tal-intimati li kien hemm zball fil-katalogu alavolja l-katalogu kien disponnibili 3 jew 4 gurnata qabel il-*viewing*. Sar jaf dwar l-istorja tar-rikorrenti meta giet mar-ragel taghha biex tigbor il-flus. Skond l-intimat, meta l-oggett ikun ghali, il-klijenti dejjem javzawh.

Ikkunsidra

Illi fix-xhieda tieghu moghtija fit-28 ta' Novembru 2018 l-intimat ighid illi ilu f'dan ix-xoghol ghal xi 25 sena jew iktar u li gieli ltaqa' ma' oggetti tal-porcellana, fosthom tad-ditta Meissen. Ighid ukoll illi s-*soup tureen* tar-rikorrenti kien gharafha bhala tad-ditta Meissen u li kienet qaltlu r-rikorrenti ukoll. Ighid pero' illi d-ditta Meisen ghandhom diversi prezzijiet - issib prezzijiet ta' hamsin, mitejn, sitt mitt Euro ecc. Ighid illi jaf li d-ditta Mason hija ditta Ingliza li timmanifattura *'china'* u hija inferjuri ghad-ditta Meissen li hija ditta Germaniza li timmanifattura porcellana. Gharaf illi kien ha zball meta indika l-oggett fil-katalogu bhala Mason minflok Meissen.

Ikkunsidra

Illi irkant huwa forma ta' bejgh fil-pubbliku fejn ikun hemm il-bejjiegh tramite l-irkantatur u x-xerrej. Ix-xerrej ikun jaf minn qabel l-oggett illi se jitla ghall-irkant peress illi l-katalogu suppost jiddeskrivi ezatt l-oggett illi ser ikun irkantat. L-irkantatur igawdi fiducju kbira f'dak illi jirrigwarda d-deskrizzjoni tal-oggett u l-valur tieghu, u x-xerrej jafda kompletament l-informazzjoni moghtija mill-irkantatur. Veru li l-irkantatur ikun gab l-oggett minghand terzi u hawn ukoll tidhol relazzjoni specjali bejn sid l-oggett li ser jitpogga fl-irkant u l-irkantatur. Huwa kompitu tal-irkantatur illi jaghti parir dwar il-genwinita' u l-prezz tal-oggett li jkun ser jinbiegh u sta ghas-sid jaccettax dan il-parir u jpoggi l-oggetti

ghall-irkant. F'dan il-kaz kemm sid l-oggett kif ukoll l-irkantatur kien jafu 'l xulxin peress illi hadmu flimkien fi drabi ohra. Ghalhekk meta r-rikorrenti bhala sid gabet l-oggett ghand l-intimat, dan tal-ahhar mal-ewwel seta' jiddentifika l-oggett u jaghti valur. Hija fid-diskrezzjoni tas-sid taghtix *reserve price* jew le. Gara' illi s-sid jew bi svista jew ghal xi raguni ohra ma tatx dan ir-*reserve price*, ghax skond hi fdat l-intimat illi ser iggib l-ahjar prezz. Sfortunatament sar zball min-naha tal-intimat meta ddeskriva l-oggett bhala Mason flok Meissen fejn allura gie affetwat b'mod serjament il-prezz tal-oggett fejn l-intimat stima l-oggett €8 -€10 meta fil-fatt kien jiswa il-mijiet. Vera illi z-zewg ismijiet jigu pronuncjati kwazi l-istess u facli li jittiehed zball minn bniedem ordinarju. Pero' l-irkantatur f'dawn il-vesti mhuwiex bniedem ordinarju. Huwa espert illi jgawdi l-fiducja massima kemm ta' sid l-oggett kif ukoll tax-xerrej illi jibbaza l-kalkoli tieghu fuq informazzjoni moghtija mill-irkantatur, liema informazzjoni x-xerrej ghandu dritt li jippretendi li tkun korretta. Sfortunatament l-izball affetwa hazin lis-sid l-oggett peress li ma haditx il-vera valur tal-oggett in kwistjoni. Ir-riklam kif propost mill-intimat kien ta' pregudizzju kbir ghar-rikorrenti u minkejja li setghet kellha access *online* tal-oggetti li kien ser ikun hemm ghall-irkant, dan ma jiggustifikax l-izball calami illi ghamel l-intimat. U kien propju dan l-izball, u xejn aktar li kawza l-pregudizzju lir-rikorrenti. Veru li fl-ahhar mill-ahhar il-prezz illi oggett igib waqt irkant hija kaxxa maghluqa u mhux dejjem jirrifletti l-valur propju tal-oggett u xi kultant dak li jkun igib ferm inqas milli jkun hallas, pero' almenu il-punt ta' tluq irrid ikun gust, u vicin kemm jista' jkun ta' dak illi huwa l-valur korrett. F'dan il-kaz, ghalkemm ir-rikorrenti setghet tissalvagwardja l-interessi taghha b'aktar attenzjoni, dan ma jnaqqasx ir-responsabbilita' finali tal-intimat.

Ikkunsidra

Ghal dak illi huwa l-valur irrizulta illi l-oggett inxtara mill-Ingliterra ghall-ammont ta' GBP 550 ekwivalenti ghal circa sitt mitt Euro. Naturalment ma hemm l-ebda garanzija illi din ic-cifra kienet ser tintlahaq, pero' tajjeb illi t-Tribunal izzomm bilanc bejn l-interessi tar-rikorrenti u dawk tal-intimat u ghalhekk qed jiffissa c-cifra dovuta lil rikorrenti *arbitrio bono viri* fl-ammont ta' erba' mitt Euro, ammont li realistikament setghet iggib li kieku l-oggett gie deskritt fil-vera forma tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet jaqta u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-intimat ihallasha s-somma ta' erba mitt Euro (€400.00). Bl-ispejjes kontra tieghu.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru